MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 10/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**(Spt. Priscilla Caruana)**
**Vs**
**Fathihi Ahmed Awaale**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Fathihi Ahmed Awaale (ID no. 51112(A) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

Nhar il-05 ta' Jannar 2011, għall-ħabta ta' l-22:15 ta' filghaxija fi Triq tal-Gebel, Birzebbugia, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Amanda Portelli, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin u dan ghad-detriment tal-istess Amanda Portelli minn Birżebbuġa;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Amanda Portelli f' periklu

ċar ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Amanda Portelli minn Birżebbuġa, liema offiżi jew ikkaġunati permezz ta' arma regulari jew bi strument li jaqta' jew iniggeż;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amanda Portelli kontra l-volonta' taghha, liema delitt seħħ bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha kif ukoll l-imsemmija Amanda Portelli ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu jew xort'oħra, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(f), 262(1)(b), 263(b), 270, 221(1)(2) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha migjuba fil-konfronti tiegħu kif minnu ammessi u kkundannatu sentejn u ħames xhur priġunerija. Il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina mmarkata bhala Dok. KA8.

Wara li rat l-artikoli 392A(2) u 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti kollha ta' dan il-proċess flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fil-21 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih u thassarha w tirrevokha f'dik

il-parti fejn infliggiet il-piena u minflok tinfliġġi l-piena ideonea u ġusta skont il-Liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-komputazzjoni tal-piena tidher li kienet wahda erronea u jidher li l-Qorti tal-Magistrati ma ħaditx in konsiderazzjoni dak dispost mill-artikolu 277(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda l-piena ghal serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bi kwalifiki oħra, kif appuntu jirriżulta li kien il-każ fil-proċeduri odjerni.

Illi mis-sentenza su citata u kif jirrizulta mill-atti tal-istess, il-Qorti sabet htija tar-reati kkontemplati fis-segwenti : artikolu 86, 87(1)(c), 87(1)(e), 261(a), 261(f), 262(1)(b), 263(b), 270, 221(1), 221(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll l-artikolu 17 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda specifikament ir-reat ta' serq li tiegħu nstabet ħtija, hekk kif aggravat fil-kaz in dizamina bil-vjolenza, bil-hin u bil-mezz u ma tezistix kontestazzjoni mill-esponenti rigward l-akkuzi l-ohra addebitati lill-appellat emergenti mill-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 262(1)(b) tal-Kap. 9 jirrigwarda s-serq aggravat bi "vjolenza" u specifikament meta l-halliel jipprezenta ruhu armat jew meta jkun hemm pluralita` ta' hallelin u fil-fatt, fost l-akkuzi l-ohra, l-Ewwel Qorti sabet ħtija f'dan ir-rigward ukoll minħabba li l-appellat kif irriżulta uża arma regolari waqt l-esekuzzjoni tas-serqa.

Illi inoltre, s-serqa kienet aggravata wkoll bil-mezz u bil-ħin.

Illi allura jsegwi li f'dan ir-rigward, għall-fini ta' piena, huwa applikabbli d-dispost tal-artikolu 277(b) tal-Kap. 9 kif ukoll

l-artikolu 274(c) kif reż applikabbli mill-istess artikolu 277(b) msemmi.

Illi l-esponenti jissottometti ghalhekk, li mill-artikoli tal-ligi appena kwotati, huwa palesi illi l-piena li kellha tinghata fil-konfront tas-serq aggravat bil-vjolenza, bil-hin u wkoll bil-mezz kellha minn tal-inqas tkun ta' sentejn, izda, biz-zieda ta' grad jew tnejn, skont kif joħroġ mill-istess dispost tal-artikolu 277(b) tal-Kap. 9.

Illi dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li l-liġi hija ċara u esplicita f'dan ir-rigward u ma taghtix lok ghal ebda diskrezzjoni da parti tal-ġudikant peress li d-diċitura hija waħda tassattiva.

Illi jsegwi illi l-piena allura, għar-rigward tas-serq hekk kif aggravat f'dan il-kaz, ma setghetx tkun ta' inqas minn tliet snin prigunerija u dan skond dak li hemm indikat fl-artikolu 31 tal-istess Kap. 9 li jipprovdi dwar l-iskala tal-pieni.

Illi ghalhekk jidher illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti, li fit-totalita` tagħha u inkluzi l-akkuzi l-ohra oltre s-serq kif aggravat, kienet ta' sentejn u hames xhur prigunerija, hija wahda manifestament miti.

Illi in aggiunta mas-suespost mal-piena minima legali ta' tliet snin irid jizdied maghha wkoll il-konkors tal-pieni ghar-reati l-ohra addebitati kontra l-appellat, ai termini tal-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w dana in vista tal-ammissjoni ta' ħtija tieghu fir-rigward tar-reati kollha addebitati. B'dan illi l-piena sopra msemmija trid necessarjament tizdied bil-konkors tal-pieni. Dan allura jirrendi l-piena effettivament erogata mill-Ewwel Qorti bhala iktar miti.

Illi tali piena setghet tinghata biss mill-istess Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 li jipprovdi ghall-possibilita` li tinghata sentenza li fiha l-piena tkun taht il-minimu pre-stabbilit mill-ligi u dan biss jekk ikunu jezistu ragunijiet "specjali u straordinarji" fil-konfront tieghu, li kif apparenti mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti, ma

jirrizultax li l-istess Qorti hasset li tali ragunijiet kienu jissussistu fil-konfront tal-akkużat.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher ukoll illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza moghtija u ghal darb'ohra fil-komputazzjoni tal-piena, naqset milli taddebita` mal-bqija tal-piena erogata il-multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) li hija prevista ghal min jinstab ħati ta' reat kontra l-artikolu 6 ta' l-Att Dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, liema piena hija stabbilita` fl-artikolu 51(7) tal-istess.

Illi iktar u iktar allura l-esponenti jħoss li s-sentenza appellata ma hijiex wahda idonea u korretta ai fini tal-ligi in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi appena speċifikati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Il-qofol ta' dan l-appell huwa l-applikazzjoni tal-artikolu 277(b) tal-Kap 9. Dan jgħid hekk:

***‘(b) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal ‘mezz’, sew jekk ma’ kwlifiki oħra kemm mingħajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A miżjuda bi grad jew tnejn.’***

Minħabba li t-tieni imputazzjoni hija li ‘ikkaġuna offiża ta’ natura ħafifa…permezz ta’ arma regulari jew bi strument li jaqta’ jew iniggeż’ isegwi li japplika l-artikolu 274 (ċ) li jikkontempla piena minn sentejn sa ħames snin.

Jekk wieħed iqis dak li jipprovdi l-artikolu 31 tal-Kap 9, din il-piena għandha togħla bi grad allura l-minimum ikun tliet snin u l-massimu ħames snin. Jekk jogħla b'żewġ gradi l-minimum huwa erba' snin u l-massimu 9 snin.

L-Avukat Ġenerali qed jinsisti fuq li l-piena għandha togħla bi grad.

Issa minħabba li kien applikat l-artikolu 274(ċ), it-tieni imputazzjoni tiġi diġa' tqieset bħala parti mill-ewwel waħda

għal dik li hija piena waqt illi t-tielet imputazzjoni hija mezz għall-fini u japplika l-artikolu 17(h).

Għar-raba' imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali qed jinsisti li tkun applikata l-multa ta' €116.47 skont l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Avukat Ġenerali għandu raġun fuq il-punti msemmija – jiġifieri li l-piena kellha togħla b'għall-anqas grad u li kellha tiżdied il-multa taħt il-Kap 480.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-aggravji tal-Avukat Ġenerali u qed tirriforma s-sentenza kif ġej: qed tikkonfermha dik il-parti tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Fahihi Ahmed Awaale' fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati iżda qed tbiddel u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ikkundannat lill-imputat għal sentejn u ħames snin priġunerija u minflok, wara li qieset ukoll l-ammissjoni bikrija u li t-tieni imputazzjoni saret parti integra mill-ewwel wahda minħabba l-applikazzjoni tal-artikolu 274 tal-Kap 9 u li t-tielet waħda għandha tiqies mezz għall-fini, l-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(f), 262(1)(b), 263(b), 270, 221(1)(2), 277(b) u 17(h) tal-Kap 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €116.47

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------